**PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**ONOR. IMĦALLEF MARK SIMIANA, LL.D**

*Rikors Ġuramentat Numru 43/2020 MS*

**Red Rock (Investments) Limited**

**Vs.**

**Denise Frendo**

Illum, 6 ta' Ġunju 2025

Kawża Numru: 3

Il-Qorti,

1. Rat ir-rikors ġuramentat preżentat mill-attriċi fil-15 ta' Jannar 2020, li permezz tiegħu, wara li ippremettiet dan li ġej:

> Illi s-soċjeta' rikorrenti hija kreditriċi ta' Angelo Zahra (K.I. 751849M) fis-somma ta' €39,440 ekwivalenti għal Lm17,000 bħala s-somma kapitali u somma oħra ta' €39,440 rappreżentanti l-massimu tal-imgħax legali

konsentiti mill-liġi ta' 8% mill-21 ta' Awwissu 1995; u dan skont skrittura datata 12 ta' Lulju 2017, Dok. A. hawn anness u liema somom ta' flus għadhom ma tħallsux lilu a tenur tal-istess skrittura.

Illi s-soċjeta rikorrenti hija kreditriċi ta' Angelo Zahra (K.I. 751849M) ta' somma oħra fl-ammont ta' €139,200 ekwivalenti għal Lm60,000 bħala s-somma kapitali u somma oħra ta' €139,200 rappreżentanti l-massimu tal-imgħax legali konsentiti mill-liġi ta' 8% mill-21 ta' Awwissu 1995; u dan skont skrittura datata 12 ta' Lulju 2017 u liema somom ta' flus għadhom ma tħallsux, l-istess Dok A. suriferit.

Illi d-direttur Victor Fenech (K.I. Numru 698355) għan-nom tas-soċjeta rikorrenti jispjega li s-soċjeta' Red Rock (Investments) Limited C 6287 u Angelo Zahra (K.I. 751849M) ilhom jinnegozjaw mit-tmeninijiet u tul is-snin sar diversi negozju, kemm ta' propjeta' u anki affarijiet oħra. Illi Victor Fenech (K.I. Numru 698355) għan-nom tas-soċjeta rikorrenti kif ukoll għan-nom ta' soċjetajiet kummerċjali oħra kien matul iż-żmien sleeping partner ma Angelo Zahra (K.I. 751849M) u għalhekk kien jagħddilu l-flus u Angelo Zahra (K.I. 751849M) kien jixtri u jbiegħ propjetajiet fuq il-konvenju.

Illi Angelo Zahra (K.I. 751849M) kien liberu' li jinnegozja kif jidhirlu hu u dak li kien jiġi quddiem għajnejh kien jidħol għalih u għalhekk minkejja li n-negozju kien sejjer tajjeb xorta kien ikollu bżonn il flus mingħand l-esponenti stante li bil-kapital tiegħu biss ma kienx biżejjed. Illi Angelo Zahra (K.I. 751849M) beda jmur ħażin meta bdew jiġru warajh il-kredituri għax kien xtara disco ossia 'Tremors' f'Paceville bl-appartamenti fuqu u dan negozju kien falla.

Illi l-flus dovuti fil-każ odjern imorru lura għall-bidu tas-snin disgħin. Fil-21 ta' Awwissu 1995 l-esponenti u Angelo Zahra (K.I. 751849M) iltaqaw sabiex jllikwidaw u kien sar ftehim li l-esponenti jieħu dar il-Balluta, żewġ porzjonijiet ta' art l-Iklin, u art il-Gudja u dan skont konvenju datat 2 ta' Mejju 1996 li kopja tiegħu qed jiġi hawn anness u mmarkat bħala Dok. B.

Illi ġara li l-kuntratt ma setax isir u dan stante li kien hemm difetti fosthom fuq id-dar tal- Balluta fejn l-anzjana li kienet toqgħod hemm bil-kera, dawret il-karti tal-identita' ta' uliedha fuq dak l-indiriz sabiex ma joħorġux min hemm kif ukoll kienu rrangaw ma Heritage Malta u d-dar ġiet skedata bħala Grade 5 u għalhekk ma setgħetx tintmiss. Illi għar-rigward tal-art tal-Iklin, l-esponenti kien gab il-permess neċessarji u kienet saret ċessjoni favur terzi iżda l-qliegh mar dirett għand il-Bank biex jinqata mill-overdraft li kellu Angelo Zahra (K.I. 751849M) u dan peress li fuq l-art kien hemm piżijiet favur il- bank. Illi kien hemm ukoll difett fuq propjeta' oħra ossia Flat no.2, 'tas-Sienja Complex', Swieqi

Valley, Swieqi, li ma setax jimmatura peress li l-imsemmi flat kien ipotekat mal- HSBC Bank Malta plc favur kumpanija ta' l-istess Angelo Zahra (K.I. 751849M).

Illi sussegwentement bdew isiru diversi skritturi akkompanjati b'kambjali biex Angelo Zahra (K.I. 751849M) jibda jħallas lis-soċjeta rikorrenti u eventwalment sar il-ftehim tat- 12 Lulju 2017, Dok A suriferit.

Illi f'dan il-perjodu, anki peress li fil-frattemp Angelo Zahra (K.I. 751849M) ġie arrestat fuq traffikar tad-droga u frodi u kien spiċċa l-ħabs, l-esponenti talab garanzija u l-konvenuta Denise Frendo (K.I. 473069M), is-sieħba ta' Angelo Zahra (K.I. 751849M) għamlet garanzija personali fuq id-djun ta' Angelo Zahra (K.I. 751849M), anki permezz ta' kambjala. Illi għal dan il-għan qed jiġi anness u mmarkat bħala Dok. Č. Dikjarazzjoni u kambjala ffirmata mill-konvenuta Denise Frendo (K.I 473069M).

Illi l-istess konvenuta Denise Frendo (K.I 473069M) kienet tat ukoll kopja tal-kuntratt tas- separazzjoni tagħha sabiex taċċerta lill-esponenti li kellha l-fakolta' li tagħmel garanzija u tiffirma kambjala mingħajr il-kunsnes ta' żewġha. Illi għandu jingħad li l-fond 'Shekinah', Il-Bidnija, Limiti tal-Mosta, Mosta kienet propjeta' ta' ta' Angelo Zahra iżda sar trasferiment tal-propjeta' favur il-konvenuta Denise Frendo (K.I. 473069M) biex ma tinqabadx mill-kredituri.

Illi għalkemm is-soċjeta attriċi debitament interpellat lill-konvenuta Denise Frendo (K.I 473069M) u lil Angelo Zahra (K.I. 751849M) sabiex jonoraw l-obbligi tagħhom kemm verbalment u permezz ta' ittra legali, u anki permezz ta' ittra uffiċjali tat-3 ta' Lulju 2019 bin-numru 2482/2019 dawn baqaw inadempjenti.

Illi eventwalment is-soċjeta rikorrenti għamlet ittra uffiċjali tal-14 ta' Awissu 2019 bin-numru 3095/2019 sabiex tesegwixxi l-kambjala iżda l-konvenuta ċaħdet li ffirmat tali garanzija u kambjala u allegat li darba biss iltaqat ma Victor Fenech (K.I. Numru 698355), l-azzjonista u direttur tas-soċjeta' rikorrenti. Illi allegat ukoll li l-flus m'humiex dovuti u/jew huma użura.

Illi huwa inveritier li l-konvenuta Denise Frendo (K.I. 473069M) darba biss iltaqat ma Victor Fenech (K.I. Numru 698355). Għall-kuntrarju kien hemm numru ta' okkażjonijiet fejn l-konvenuta Denise Frendo (K.I. 473069M) iltaqat ma Victor Fenech (K.I. Numru 698355) fosthom meta kienet tmur fir-residenza tiegħu flimkien ma' Angelo Zahra (K.I. 751849M). Illi l-konvenuta Denise Frendo (K.I. 473069M) kienet ukoll attendiet għal riceviment tal-anniversarju ta' 25 żwieġ ta' Victor Fenech (K.I. Numru 698355) ġewwa Ħaż Żabbar fis-sena 2002. Illi hija kienet marret ukoll iżjed minn darba is-showroom ta' Valley Road, Birkirkara u għalhekk

hija nieqsa mis-sewwa l-istqarrija tal-esponenti li darba biss iltaqat ma Victor Fenech (K.I. Numru 698355).

Illi in oltre l-konvenuta taf ben tajjeb li l-flus mertu tal-kawża odjerna m'humiex uzura; għall-kuntrarju jingħad li l-ammont pretiż huwa dovut u m'hemm l-ebda imgħaxx fuq imgħaxx jew rati ta' imgħaxx li jmorru oltre minn dak permessibli mill-liġi; fil-fatt is- soċjeta rikorrenti qed tillimita t-talba tagħha għall-ammont ta' mija tmienja u sebgħin elf sitt mija u erbgħin ewro (€178,640) rappreżentanti somma ta' mija disgħa u tletin elf u mitejn ewro (€139,200) u somma ta' disgħa u tletin elf u erbgħa mija u erbgħin ewro (€39,440) u somma oħra ta' mija tmienja u sebgħin elf sitt mija u erbgħin ewro (€178,640) appreżentanti l-massimu tal-imgħax legali konsentiti mill-liġi ta' 8% mill-21 ta' Awwissu 1995 u dan kollu skont żewġ skritturi datata 12 ta' Lulju 2017, Dok. A
suriferit.

Illi bħala stat ta' fatt, Angelo Zahra (K.I. 751849M) għadu ma ħallasx ċenteżmu mill-flus dovuti lis-soċjeta attriċi.

Illi konsegwentament jiskatta l-obbligu tal-garanti illi tagħmel tajjeb għal dak li kellu jħallas l-imsemmi Angelo Zahra (K.I. 751849M).

Illi minkejja li l-partijiet ġew interpellati biex jissaldaw dak dovut minnhom anki permezz ta' ittra uffiċjali, dawn baqgħu inadempjenti u għaldaqstant kellha ssir dina l-kawża.

Illi l-esponenti jafu personalment b'dawn il-fatti kollha.

għaddiet biex titlob lil din il-Qorti jogħġobha:

1. Tiddikjara illi l-konvenuta Denise Frendo hija debitriċi tas-soċjeta' attriċi fis-somma ta' mija tmienja u sebgħin elf sitt mija u erbgħin ewro (€178,640) rappreżentanti somma ta' mija disgħa u tletin elf u mitejn ewro (€139,200) u somma ta' disgħa u tletin elf u erbgħa mija u erbgħin ewro (€39,440) oltre l-imgħax legali konsentiti mill-liġi ta' 8% mill-21 ta' Awwissu 1995.

2. Tordna lill-konvenuta Denise Frendo sabiex tallas lis-soċjeta' attriċi s-somma hekk mitluba fl-ewwel talba.

Bl-ispejjez inkluż dawk tal-ittra uffiċjali tat-3 ta' Lulju 2019 bin-numru 2482/2019; tal-ittra uffiċjali tal-14 ta' Awissu 2019 bin-numru 3095/2019; u bl-imgħax legali kontra l-konvenuta li hija minn issa ingunti in subizzjoni.

2. Rat ir-risposta ġuramentata preżentata mill-konvenuta fit-18 ta' Frar 2020, li biha ġie eċċepit hekk:

> 1. Illi preliminarjament għandu jigi sottolenejat illi fejn ir-rikors guramentat jirreferi ghall-allegat debitur Angelo Zahra, dawk il-pretensjonijiet fil-konfront tieghu ghandhom jkunu ndirizzati biss fil-konfront tieghu u partikolarment fiz-zewg proceduri bin-numri 827/2019RGM u 828/2019AF, li ghadhom pendenti quddiem dina l-Qorti, u dana taht il-procedura stabilita ai termini tal-artikolu 253 (e) tal-Kapitolu tnax tal- Ligijiet ta' Malta.
>
> 2. Illi fi kwalunkwe kaz il-pretensjonijiet tal-intimat nomine huma bbazati purament fuq self bl-uzura li sar mal-partner tal-eccipjenti Angelo Zahra fuq perjodu ta' diversi snin.
>
> 3. Illi fil-mertu ta' dina l-vertenza, l-eccipjenti tichad illi hija qatt dahlet garanti sabiex thallas l-allegat dejn tal-imsemmi Angelo Zahra.
>
> 4. Illi qatt ma gew ipprezentanti lill-eccipjenti, kambjala u anqas promissory note u/jew dokument iehor fejn inforza tieghu ntalbet jew b' xi mod jew iehor indahlet sabiex taghmel tajjeb ghall-allegat dejn ta' Angelo Zahra.
>
> 5. Illi bla pregudizzju ghas-suespost, l-esponenti tirrileva li hija ma ghandha thallas xejn lil Red Rock (Investments) Limited u dana ghaliex hija qatt ma ffirmat ebda kambjala u/jew skrittura privata mas-socjeta rikorrenti.
>
> 6. Illi l-firem li hemm indikati fuq il-kambjala (Dokument C) u l-iskrittura privata annessa maghha bid-data tat-12 ta' Lulju 2017 huma fabbrikati u foloz, u dwar dan diga ntalbet investigazzjoni kriminali mill-Pulizija.
>
> 7. Illi mhux minnu li l-eccipjenti qatt tat il-kuntratt tas-separazzjoni taghha lir-rikorrent nomine' sabiex taghti x' wiehed jifhem illi hija setghat taghti xi forma ta' garanzija minghajr il-htiega tal-firma ta' zewgha kif allegat.
>
> 8. Illi l-esponenti tirrileva illi hija ma ghandha ebda relazzjoni guridika mal-intimat nomine' u dana ghaliex hija qatt ma kienet parti, la b'mod dirett u anqas b' mod indirett, f' xi negozju li l-partner taghha Anglu Zahra qatt kellu mal-intimat nomine', jew b' xi mod dahlet garanti ghall-partner taghha Angelo Zahra.
>
> 9. Illi l-unika darba li l-eccipjenti qatt ltaqghet mal-intimat nomine' fuq xi transazzjoni kien fis-sena 2004 fejn hija kienet xtrat minghandu vettura, u dina kienet fil-fatt thallset kollha ghas-saldu.

10. Illi ghalhekk l-eccipjenti qieghda ghar-ragunijiet suesposti titlob illi dina l-Onorabbli Qorti joghgobha tichad t-talbiet tas-socjeta rikorrenti bl-ispejjez kollha kontra taghha.

11. Illi kontestwalment mal-prezenti l-eccipjenti qieghda ukoll tintavola kontrotalba fejn inforza taghha qieghda titlob illi din l-Onorabbli Qorti jiddikjara illi l-firem indikati fuq fuq l-kambjala (Dokument C) u l-iskrittura privata annessa maghha bid-data tat-12 ta' Lulju 2017 huma fabbrikati u foloz, u ma jappartjenux lill-eccipjenti.

3. Rat illi mar-risposta ġuramentata tagħha, il-konvenuta ressqet ukoll rikonvenzjoni li permezz tagħha, wara li ppremettiet dan li ġej:

Illi l-esponenti hija l-partner ta' Angelo Zahra ghall-diversi snin.

Illi hija personalment qatt ma kienet taf li Angelo Zahra kellu jagħti xi flus lis-socjeta attrici.

Illi l-ewwel darba li ngieb akonjizjoni taghha l-allegazzjoni li hija dahlet garanti ghad-dejn allegatament dovut mill-partner taghha Angela Zahra lis-socjeta rikorrenti, kien biss meta giet notifikata b' ittra ufficjali numru 3095/2019, fejn għalkemm nghad li s-socjeta rikorrenti riedet tesegwixxi titolu esekuttiv li hija kellha, ebda dokument ma kien annessa mal-istess ittra ufficjali.

Illi l-esponenti ntavolat rikors ai termini tal-artikolu tal-artikolu 253 (e) tal-Kapitolu tnax tal-Ligijiet ta' Malta, fejn kkontestat l-esekuzzjoni tat-titolu esekuttiv u dana ghar-raguni semplici li l-esponenti ma għandha thallas xejn lil Red Rock (Investments) Limited u dana ghaliex hija qatt ma iffirmat ebda skrittura privata mal-intimat nomine' u jew kambjala afavur is-socjeta rikorrenti, u noltre' qatt ma awtorizzat lil hadd jiffirma f'isimha ebda skrittura privata u jew kambjala mal-intimat nomine', u għalhekk dik l- ittra ufficjali u l-iskritturi li tirreferi ghalihom, huma bbazati fuq qerq u frodi da parti tal-intimat nomine'.

Illi fi kwalunkwe kaz l-esponenti saret ukoll taf li l-pretensjonijiet tal-intimat nomine' huma bbazati fuq self bl-uzura li sar mal-partner taghha, u dana saret tafu wara li fl-istess zmienijiet huwa ircieva ukoll zewg ittri ufficjali ghall-istess ammont.

Illi l-esponenti tirrileva illi hija ma ghandha ebda relazzjoni guridika mal-intimat nomine' u dana ghaliex hija qatt ma kienet parti la b'mod dirett u anqas b' mod indirett, f' xi negozju li l-partner taghha Anglu Zahra qatt kellu mal-

intimat nomine' u qatt ma indahlet b' xi mod li tidhol garanti ghall-hlas tal-istess pretensjonijiet.

Illi l-unika darba li l-esponenti qatt dahlet fi transazzjoni mal-intimat propju u/jew nomine' kien fis-sena 2004 fejn kienet xtrat minghandu vettura, u dina kienet fil-fatt thallset kollha ghas-saldu.

Illi ghalhekk il-firem li hemm fuq il-kambjala dokument C u fuq l-iskrittura privata datata 12 ta' Lulju 2017 annessi mar-rikors guramentat u li jipremettu li huma tal- esponenti, huma fil-fatt foloz u fabbrikati w dana kif ser jirrizulta ahjar fil-mora u t-trattazzjoni tal-kawza.

għaddiet biex titlob lil din il-Qorti jogħġobha:

1.Previa in-nomina ta' espert tal-kaligrafija sabiex jezamina l-firem fuq id-dokument hawn aktar -1 fuq imsemmija, tiddikjara illi l-istess firem huma foloz u fabbrikati.

2.Tiddikjara ghalhekk illi l-pretensjonijiet attrici kontenuti r-rikors guramentat defronte tal- esponenti huma qarrieqa u frawdalenti.

3.Taghti dawk il-provedimenti xierqa u opportuni fic-cirkostanzi, interalia tordna lill- Kummissarju tal-Pulizija jinvestiga u jiehu dawk il-passi kriminali necessarji kontra l-intimat propju u/jew nomine' skond il-ligi.

4.Bl-ispejjez kollha kontra l-intimat nomine' li jibqa' ngunt minn issa ghas-subizzjoni.

4. Rat ir-risposta ġuramentata preżentata mill-attriċi fil-11 ta' Marzu 2020[1], li permezz tagħha wieġbet hekk:

1. Illi preliminarjament l-attriċi għandha tiddikjara fuq liema provvediment legali hija qegħda ssejjes it-talbiet tagħha hekk kif dedotti fil-kontro-talba li minnha hi pprevalixxiet ruħha.

2. illi l-azzjoni tal-konvenuta hija improponibbli u dan stante li ma hemm l-ebda bażi legali għal mod kif il-konvenuta qegħda tittenta tippromwovi kawża merament dikjaratorja u b'talba sabiex l-esponenti jittieħdu inter alia l-passi kriminali neċessarja.

3. Illi l-azzjoni tal-konvenuta mhux biss hi abbużiva u illegali u dan *inter alia* minħabba t-talbiet tagħha kif proposti iżda

[1] Fol.39.

> saħansitra hija biss tentattiv sabiex tbeżża' lir-rikorrenti u xxekkel milli ssir il-ġustizzja.
>
> 4. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, it-talbiet attriċi huma infondati kemm fil-fatt u fid-dritt.

5. Rat ix-xiehda u d-dokumenti miġbura, kif ukoll l-atti proċesswali fl-intier tagħhom;

6. Semgħet it-trattazzjoni tal-għeluq magħmula mid-difensuri tal-kontendenti;

7. Rat li l-kawża ġiet imħollija għall-udjenza tal-lum sabiex tiġi deċiża;

Ikkunsidrat:

8. Illi din hija kawża li permezz tagħha l-attriċi trid li tiġi kanonizzata bħala kreditriċi tal-konvenuta, billi din hija l-garanti ta' debitur tagħha. Il-konvenuta, min-naħa tagħha, tikkontesta t-talbiet tal-attriċi billi (i) tgħid li hija ma tat ebda garanzija lill-attriċi, u (ii) f'kull każ id-dejn li l-attriċi tippretendi li għandha kontra Angelo Zahra huwa l-prodott ta' imgħaxijiet illegali u abbużivi. Proprju għalhekk il-konvenuta ressqet ukoll rikonvenzjoni li biha talbet lill-Qorti tiddikjara li l-firma tagħha fuq l-iskrittura tal-garanzija li fuqha hija msejsa l-azzjoni tal-attriċi hija falza u fabbrikata.

9. Il-Qorti sejra qabel xejn tagħmel riassunt tal-fatti rilevanti tal-każ kif jemerġu mill-provi.

10. Id-direttur tal-attriċi, Victor Fenech, xehed li hu ilu jaf lil Angelo Zahra mis-snin tmenin, u li flimkien kienu jinnegozjaw fil-proprjetà billi kien jidher Zahra li kien jagħmel konvenji biex jixtri u jbigħ il-proprjetà, u Fenech ma jidhirx, iżda jikkontribwixxi l-kapital neċessarju sabiex in-negozju jsir[2]. Fenech xehed li avolja n-negozju ta' Zahra kien ikun sejjer tajjeb, Zahra kien jagħmel ħafna negozju u għalhekk «*bil-kapital tiegħu biss ma kienx biżżejjed*»[3]. Fenech jgħid

[2] Ara x-xiehda bl-affidavit ta' Victor Fenech, a fol.31.
[3] Fol.32.

li lil Zahra ma kienx jagħtih flus bil-għama «*għaliex fil-biċċiet tan-negozju li kienu jikkonċernaw lili hu kien l-ewwel jiġi jikkonsulta miegħu u mbagħad minn hemm nara jekk irrid nidħol fil-biċċa jew le*». Waqt il-kontro-eżami tiegħu, Fenech xehed li lil Zahra: «*…qed nagħtih flus biex jaħdem biex jaqla' l-flus bihom … U jiena nieħu sehmi … Sehmi kien jirrapreżenta nieħu xi ħaġa minn dak li naqla*»[4]. Waqt kontro-eżami ulterjuri, Fenech spjega li lil Zahra: «*Intih il-flus biex jaħdem hu*»[5].

11. Fi proċeduri oħrajn, Zahra xehed li huwa ssellef Lm40,000 mingħand Fenech, fuq żewġ okkażjonijiet, u ċjoè darba Lm25,000 u darb'oħra Lm15,000[6]. Qal li huwa ħallas tlett darbiet dak li ssellef. Dan reġgħa qalu f'din il-kawża, fejn elabora li fis-sena 1992 l-ewwel issellef is-somma ta' Lm25,000 imbagħad wara sitt ġimgħat kien talab self ulterjuri ta' Lm15,000[7]. Zahra xehed li l-ftehim kien li fuq l-ewwel self irodd lura bl-imgħax b'kollox is-somma ta' Lm40,000, filwaqt li fuq it-tieni self irodd lura bl-imgħax b'kollox is-somma ta' Lm25,000[8].

12. Skont Victor Fenech, in-negozju ta' Zahra beda jmur lura wara li kien falla negozju li kien għamel f'Paceville dwar diskoteka u korp t'appartamenti sovrastanti[9]. Minn hawnhekk, jgħid Victor Fenech, huwa ddeċieda li ried jillikwida n-negozju tiegħu ma' Zahra sabiex jipproteġi l-interessi tiegħu mill-kredituri ta' Zahra. Għalhekk fil-21 t'Awwissu 1995 Fenech u Zahra ltaqgħu biex jiġi likwidat in-negozju ta' bejniethom. Skont Fenech, dan wassal biex sar konvenju fit-2 ta' Mejju 1996[10], li bih Angelo Zahra f'isem il-kumpanija B.B.R. Construction Limited intrabat li jbiegħ lil Victor Fenech f'isem il-kumpanija Hecknef Properties Limited in-nofs indiviż ta' (a) dar il-Balluta; (b) sitta u erbgħin plot fil-Gudja, f'Luqa Road, u (ċ) żewġ porzjonijiet kantuniera fi Triq Iklin f'Ħal Lija. Fuq dawn il-proprjetajiet, jidher li Zahra kien qiegħed bi sħab ma' ċertu

[4] Fol.134.
[5] Fol.175.
[6] Fol.318.
[7] Fol.360.
[8] Fol.362.
[9] Ara x-xiehda bl-affidavit ta' Victor Fenech, a fol.32.
[10] Fol.312.

Giordmaina[11]. Fuq dan il-konvenju, m'hemmx indikat prezz tat-trasferiment, però hemm imniżżel hekk:

> Bil-prezz ta' li kwantu għal mija u ħamsa u sittin elf lira Maltin qabel illum bħala depożitu akkont tal-prezz il-venditur nomine aċċettanti; il-bilanċ jitħallas kwantu għal għaxart elef liri Maltin (Lm10,000) fi żmien ġimgħa mill-llum mingħajr interessi u l-kumplament jitħallas lill Mid-Med Bank Limited bħala tnaqqis tal-Overdraft bl-interessi tal-Bank mill-llum il-quddiem.

13. Fenech kompla jispjega li minkejja dan il-konvenju, it-trasferiment ma setax isir, għaliex (i) dwar id-dar tal-Balluta, din kienet ġiet skedata u għalhekk ma setgħetx tintmiss, u kien hemm mara anzjana b'kirja protetta tabita fiha b'mod illi kienet anki irreġistrat lill-uliedha bħala residenti fl-istess dar sabiex il-kirja tkun tista' tiġi trażmessa lilhom; (ii) dwar l-art fl-Iklin, għalkemm inkiseb il-permess tal-bini u anki saret ċessjoni favur terzi, Fenech ma ħa xejn għaliex il-qligħ tan-negozju mar favur bank kreditur ta' Zahra; (iii) dwar appartament ieħor bin-numru tnejn formanti parti minn "Tas-Sienja Complex" fi Swieqi Valley, Swieqi, dan ukoll kien ipotekat favur bank kreditur ta' Zahra[12].

14. Minħabba f'hekk, kompla jixhed Victor Fenech, minn żmien għal żmien kienu jsiru skritturi privati u kambjali bejn l-attriċi u Zahra sabiex id-dejn dovut lill-attriċi jiġi ppreservat. Il-konvenuta stess eżebiet numru ta' skritturi privati li saru bejn l-attriċi jew kumpaniji oħra ta' Victor Fenech u Angelo Zahra f'ismu u f'isem kumpanija tiegħu, li sejrin jiġu elenkati hawnhekk:

    i. skrittura ta' self datata 30 t'Ottubru 1994 għal Lm48,000[13];
    ii. skrittura ta' self datata 1 ta' Marzu 1995 għal Lm66,000[14];
    iii. skrittura ta' self datata 30 t'April 1995 għal Lm84,000[15];
    iv. skrittura ta' self datata 20 ta' Mejju 1995 għal Lm13,000[16];

---

[11] Ara x-xiehda in kontro-eżami ta' Victor Fenech, a fol.187, u x-xiehda ta' Angelo Zahra, a fol.395.
[12] Ara x-xiehda bl-affidavit ta' Victor Fenech, a fol.33.
[13] Fol.207.
[14] Fol.208.
[15] Fol.209.
[16] Fol.210.

v. skrittura ta' self datata 20 ta' Mejju 1995 għal Lm13,000[17];
vi. skrittura ta' self datata 30 t'Awwissu 1995 għal Lm95,000[18];
vii. skrittura ta' self datata 30 ta' Diċembru 1995 għal Lm120,000[19];
viii. skrittura ta' self datata 15 ta' Ġunju 1998 għal Lm26,000[20];
ix. skrittura ta' self datata 18 ta' Settembru 1998 għal Lm32,000[21];
x. skrittura ta' self datata 15 ta' Marzu 1999 għal Lm38,000[22];
xi. skrittura ta' self datata 20 ta' Settembru 1999 għal Lm56,000[23];
xii. skrittura ta' kostituzzjoni ta' debitu datata 16 ta' Marzu 2015 għall-ammont ta' Lm17,000 jew €39,440[24];
xiii. skrittura ta' kostituzzjoni ta' debitu datata 16 ta' Marzu 2015 għall-ammont ta' Lm60,000 jew €139,200[25];
xiv. żewġ skritturi ta' kostituzzjoni ta' debitu datati 13 ta' Frar 2016 fl-ammonti ta' Lm17,000 u Lm60,000[26];
xv. żewġ skritturi ta' kostituzzjoni ta' debitu datati 22 ta' Mejju 2017 fl-ammonti ta' Lm17,000 u Lm60,000[27];

15. Dawn l-iskritturi huma kollha dattilografati u ffirmati mill-kreditur u mid-debitur, ħlief dawk datati 22 ta' Mejju 2017 li huma ffirmati mid-debitur biss. F'bosta minnhom jingħad li mhux dovuti interessi fuq is-self. Ma hemm ebda xhud tal-firem li ffirma fuq dawn l-iskritturi. Ġew eżebiti wkoll numru ta' skritturi li però mhux iffirmati[28].

16. Dan wassal għall-iskritturi tat-12 ta' Lulju 2017 li fuqhom l-attriċi ibbażat il-kawża odjerna, u li se jissemmew 'il quddiem. Fenech jgħid li f'dan iż-żmien Zahra kien ġie arrestat dwar frodi u traffikar ta' drogi, u dan l-inkwiet wasslu biex jitlob xi

[17] Fol.211. Għalkemm din u l-iskrittura a fol.210 huma simili, m'humiex identiċi u fil-fatt is-self sar darba mill-attriċi u darb'oħra minn Hecnef Properties Ltd.
[18] Fol.212.
[19] Fol.213.
[20] Fol.214.
[21] Fol.215.
[22] Fol.216.
[23] Fol.217.
[24] Fol.224.
[25] Fol.225.
[26] Fol.226-227.
[27] Fol.238-239.
[28] Fol.228-237, u fol.242-243.

garanzija mingħand Zahra. Fenech jgħid li l-proprjetà residenzjali ta' Zahra kienet ġiet trasferita f'isem il-konvenuta biex tkun protetta mill-kredituri ta' Zahra, u li għalhekk ġie miftiehem li l-konvenuta tkun garanti b'din il-proprjetà għal Zahra[29].

17. Keith Fenech, iben Victor Fenech, xehed li misseru dejjem kien jgħidlu li Zahra kellu jagħtih żewġ somom, u ċjoè Lm17,000 u Lm60,000. Huwa xehed li somma minnhom kienet konnessa ma' appartament fi Swieqi li kien inqabad minn bank kreditur ta' Zahra[30].

18. Permezz ta' skrittura privata datata 12 ta' Lulju 2017[31], Angelo Zahra kkostitwixxa ruħu bħala ċert u likwidu debitur tal-attriċi fis-somma ta' €39,440 oltre l-imgħaxijiet bit-tmienja fil-mija fis-sena mill-21 t'Awwissu 1995 sad-data tal-ħlas effettiv. Fl-istess skrittura jingħad illi dan id-dejn kien dovut «*fuq bejgħ ta' Flat No.2, "tas-Sienja Complex", Swieqi Valley, Swieqi liema negozju ma setax jimmatura peress li l-imsemmi flat kien ipotekat ma' l-H.S.B.C favur kumpanija ta' l-istess Mr.Angelo Zahra u liema konvenju kien sar għand Not. Mario Bugeja, Żurrieq*». Zahra ddikjara wkoll li l-imgħax akkumulat fuq dan id-dejn kien ġie daqs il-kapital imniżżel, u intrabat li jħallas sal-11 ta' Settembru 2017.

19. Bi skrittura privata oħra magħmula bl-istess data[32], l-istess Angelo Zahra ikkostitwixxa ruħu debitur tal-attriċi fis-somma ta' €139,200, oltre l-imgħaxijiet bit-tmienja fil-mija mill-21 t'Awwissu 1995 sad-data tal-ħlas effettiv. Għalkemm f'din l-iskrittura ma ntqal xejn dwar il-provenjenza tad-dejn, saret riferenza għal dikjarazzjoni oħra ta' Angelo Zahra datata 10 t'Awwissu 2009. Fl-istess skrittura tat-12 ta' Lulju 2017, Zahra ddikjara li l-imgħax hawnhekk ukoll kien ġie daqs il-kapital, u ntrabat li jħallas sal-11 ta' Settembru 2017.

[29] Ara x-xiehda in kontro-eżami ta' Victor Fenech, a fol.148.
[30] Ara x-xiehda bl-affidavit ta' Keith Fenech, a fol.49.
[31] Fol.6.
[32] Fol.7.

20. Dawn iż-żewġ skritturi privati huma dattilografati, u ġew kull waħda iffirmata minn Victor Fenech f'isem l-attriċi, minn Angelo Zahra u minn Keith Fenech bħala xhud tal-firem. Fenech ikkonferma bil-ġurament tiegħu li huwa kien xhud tal-firem ta' Zahra[33]. Mistoqsi minn kiteb dawn l-iskritturi, wieġeb li ma jafx iżda ma kienx hu, u qal ukoll li qatt ma ra lill-missieru juża l-kompjuter[34].

21. Jidher li Zahra stess kien iffirma żewġ kambjali dwar dawn iż-żewġt idjun li kellhom jimmaturaw fil-11 ta' Settembru 2017[35].

22. Fl-istess jum, u ċjoè fit-12 ta' Lulju 2017, l-attriċi tgħid li l-konvenuta iffirmat dikjarazzjoni[36] li tgħid hekk:

> Niddikjara li qiegħda nagħmel tajjeb għal djun li għandu l-partner tiegħi Mr Angelo Zahra …. u dan bla ebda riservi għal-Amonti, interessi, u spejjes li jista ikun hemm

23. Fil-qiegħ tal-paġna irrigata li fuqha din id-dikjarazzjoni inkitbet bl-idejn, hemm imniżżel:

> I accept & sign
> Denise ~~Farrugia~~
> Frendo

24. Imbagħad hemm firma li tidher li hija tal-konvenuta. Din hija l-uniku firma fuq din il-paġna. Ma' din l-iskrittura hemm mehmuża kopja minn wara u minn quddiem tal-karta tal-identità tal-konvenuta, li però kienet valida biss sal-31 ta' Marzu 2008[37]. Hemm ukoll mehmuża kopja minn wara u minn quddiem tal-karta tal-identità ta' Angelo Zahra, li kienet valida sat-30 ta' Ġunju 2007[38]. Mill-provi rriżulta li fis-27 ta' Mejju 2015 il-konvenuta għamlet tiġdid tal-karta tal-identità, u biex dan sar suppost l-antika tiġi ritornata lura[39].

---

[33] Ara x-xiehda bl-affidavit ta' Keith Fenech, a fol.50.
[34] A tergo ta' fol.454.
[35] Fol.8.
[36] Fol.12.
[37] Fol.13.
[38] Fol.14.
[39] Ara x-xiehda ta' Joseph Rivans, a fol.438.

25. Keith Fenech xehed li l-konvenuta ffirmat quddiemhu, u li l-iskrittura ffirmata minnha inkitbet minnha stess[40]. Iżda Victor Fenech imbagħad spjega li l-kelma «minnha» fl-affidavit ta' ibnu kellha tinftiehem bħala «minna», u ċjoè li d-dikjarazzjoni in kwistjoni inkitbet minnhom u mhux mill-konvenuta[41]. Quddiem l-espert kaligrafu, Fenech iddikjara li din l-iskrittura inkitbet minnu[42], filwaqt li l-kambjala nkitbet minn ibnu Keith Fenech[43].

26. Waqt il-kontro-eżami tiegħu, Keith Fenech xehed illi l-iskrittura tal-garanzija ma nkitbitx quddiemu, iżda ġiet iffirmata mill-konvenuta quddiemu[44]. Mistoqsi mill-Qorti għaliex ma ffirmax bħala xhud tal-firma fuq din l-iskrittura wkoll, qal li ma jiftakarx għaliex ma ffirmax. Però sostna li kien preżenti, għad illi ma kienx jaf jekk sarux skritturi oħrajn mal-konvenuta[45]. Ikkonferma wkoll li l-kopji tal-karti tal-identità mehmuża mal-iskrittura kienu hemm dakinhar tal-iffirmar, anki jekk ma ftakarx minn fejn inġiebu[46].

27. Dejjem fl-istess jum tat-12 ta' Lulju 2017, jidher li saret ukoll kambjala oħra fis-somma totali ta' €178,640 li kellha wkoll timmatura fil-11 ta' Settembru 2017, u li hija fil-konfront tal-konvenuta. Din il-kambjala tidher li hija ffirmata mill-konvenuta u wkoll minn Angelo Zahra[47].

28. Victor Fenech xehed li l-kambjala u d-dikjarazzjoni tal-konvenuta saru fix-*showroom* tiegħu fi Triq il-Wied f'Birkirkara, li minnha huwa kien imexxi negozju tal-bejgħ tal-karozzi. Fenech jgħid li dan in-negozju kien għaddih lill-ibnu Keith Fenech. Dakinhar li saret id-dikjarazzjoni mill-konvenuta, Victor Fenech jgħid li kienu preżenti Keith Fenech u Damian Borg, li kellu *showroom* oħra tal-vetturi viċin tagħhom[48]. F'kontro-eżami ieħor li sarlu, Fenech xehed li kienu preżenti hu, il-konvenuta u Zahra[49]. Fenech xehed li l-konvenuta kienet urietu kopja tal-

---

[40] Ara x-xiehda bl-affidavit ta' Keith Fenech, a fol.50.
[41] Ara x-xiehda ta' Victor Fenech, a fol.67.
[42] Fol.116.
[43] Fol.115A.
[44] Fol.461-462.
[45] Fol.473-474.
[46] Fol.480-481.
[47] Fol.11.
[48] Ara x-xiehda bl-affidavit ta' Victor Fenech, a fol.35.
[49] Fol.451.

kuntratt ta' separazzjoni tagħha biex isserraħlu moħħu li setgħet tagħti garanzija mingħajr il-kunsens ta' żewġha.

29. Il-konvenuta iżda tgħid li hija saret taf l-ewwel darba li Zahra kien midjun ma' Fenech f'Ottubru 2017, meta Zahra kien fetaħ qalbu magħha u spjegalha li huwa kien ħallas lil Fenech iżda dan kien għadu qed jippretendi ħlas mingħandu minħabba imgħax eċċessiv[50]. Il-konvenuta tgħid li Zahra kien tkellem għaliex f'laqgħa li kellu ma' Fenech għand l-avukat ta' Zahra stess, Fenech kien qallu li kellu arma u li kien se jużaha. Zahra fehem li din kienet theddida ta' vjolenza, u għalhekk kien kixef kollox mal-konvenuta. Hi tgħid li wara saret taf li l-arma li għaliha kien irrifera Fenech kienet l-iskrittura falza, u ddikjarat enfatikament li hija qatt ma ffirmat din l-iskrittura jew il-kambjala[51].

30. Fid-9 t'Ottubru 2019, il-konvenuta għamlet rapport[52] fil-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija li bih sostniet li kienet sabet kopja ta' rikors għall-ħruġ ta' mandat t'inibizzjoni kontriha fuq talba tal-attriċi, flimkien ma' kopja tal-iskrittura ta' garanzija u tal-kambjala, u sostniet li l-firem tagħha fuq dawn iż-żewġ dokumenti kienet firma falza. Fl-istess rapport, il-konvenuta sostniet li l-aħħar darba li ltaqgħet ma' Victor Fenech kienet fis-sena 2004 meta xtrat vettura tal-marka Skoda mingħandu. Qalet li iben Victor Fenech, Keith, kien preżentalha karta vojta biex tiffirmaha «*minħabba it-trasferiment tan-numri*». Fl-istess rapport, Zahra ddikjara wkoll li l-firma tiegħu fuq il-kambjala li kienet tidher iffirmata mill-konvenuta kienet falza wkoll, «*għaliex aħna fl-2017 qatt ma ffirmajt kambjali għal Victor Fenech*». Iżda fis-seduta miżmuma fit-12 ta' Jannar 2022 quddiem l-espert kaligrafu, Zahra ddikjara li mhux jikkontesta l-firma tiegħu[53].

31. Fl-istess rapport Zahra għamel din id-dikjarazzjoni:

> Jien ilni naf lil Victor Fenech minn bejn wieħed u ieħor 1992. Dak iż-żmien kont issellift is-somma ta' Lm25,000 minn għandu u ftit wara erġajt tlabtu Lm15,000 oħra. Jien bdejt inħallas dan id-dejn iżda il-bilanċ flok beda jonqos

[50] Ara x-xiehda bl-affidavit tal-konvenuta, a fol.351.
[51] Ara x-xiehda bl-affidavit tal-konvenuta, a fol.351.
[52] Fol.24.
[53] Ara fol.116.

beda jiżdied. Kien hemm drabi fejn ħallastu anke bi proprjetà, fejn għaddejtlu 23 plot ġewwa il-Gudja għall-valur ta' Lm126,000 li minnhom Lm66,000 kienu qligħ allura kellhom jinqatgħu mill-ammont li kelli nħallas lil Victor Fenech. Drabi oħra ħallastu wkoll b'karozzi fejn darba kont tajtu Ferrari Testa Rossa għall-valur ta' Lm80,000 u darba oħra Ford Escort Cosworth għall-valur ta' Lm14,500. Nixtieq inżid li kull darba kien jidher li jien qed inbigħlu l-karozzi mhux ngħaddihomlu sabiex jinqatgħu mill-bilanċ li kelli intih. Darba oħra kont tajtu wkoll flat ġewwa Baħar iċ-Ċagħaq għall-ammont ta' Lm20,000. Inħallsu kemm inħallsu l-bilanċ ma kien jonqos qatt. Kont ħallast ukoll is-somma ta' Lm29,400 f'ċekkijiet.[54]

32. Min-naħa tiegħu, Fenech xehed li mhux minnu li hu u l-konvenuta kienu ilhom ma jiltaqgħu mis-sena 2004. Jgħid li l-konvenuta kienet magħrufa lilu, lil martu, lill-uliedu u anki lil żwieġhom u marthom, u kienet tkun preżenti f'diversi okkażjonijiet soċjali magħhom, inkluż ir-riċeviment li nżamm meta Fenech u martu ċċelebraw l-anniversarju ta' ħamsa u għoxrin sena żwieġ[55]. Fenech xehed li ġieli kien anki ġabar lil Zahra u lill-konvenuta mill-ajruport meta jirritornaw minn xi safar. Dan xehdu wkoll Keith Fenech, li anke eżebixxa xi ritratti li skontu juru lill-konvenuta u lil Zahra fit-tieġ ta' oħtu[56]. Raymond Attard, impjegat tal-attriċi, u Eugenio Fenech, ħu Victor Fenech, xehdu li l-konvenuta kienet tiġi fix-*showroom* ta' Birkirkara ma' Zahra diversi drabi[57], u kemm-il darba tkellmet ma' Victor Fenech fl-uffiċċju tiegħu fil-preżenza tal-istss Zahra[58]. Damian Borg ukoll xehed li l-konvenuta kienet takkumpanja lil Zahra fil-post tan-negozju tal-attriċi f'Birkirkara f'diversi okkażjonijiet[59]. Il-konvenuta dan tmerih, filwaqt li ma teskludix li setgħet attendiet għal xi tieġ jew riċeviment bħala mistiedna ta' Zahra[60]. Fil-kontro-eżami tiegħu, Damien Borg xehed li lill-konvenuta ma jafix, u li ġieli ra huwa lil Zahra fil-karozza ma' mara, u qatt ma raha fil-post tan-negozju tal-attriċi[61].

[54] Dan kollu Zahra xehdu wkoll fl-udjenza tas-16 ta' Jannar 2024 (fol.363-365).
[55] Ara wkoll ix-xiehda bl-affidavit ta' Geoffrey Fenech, a fol.63.
[56] Fol.51.
[57] Ara x-xiehda bl-affidavit ta' Eugenio Fenech, a fol.60.
[58] Ara x-xiehda bl-affidavit ta' Raymond Attard, a fol.59.
[59] Ara x-xiehda bl-affidavit ta' Damian Borg, a fol.62.
[60] Ara x-xiehda bl-affidavit tal-konvenuta, a fol.352.
[61] Fol.488.

33. Fenech xehed ukoll li fis-sena 2004 jew 2005 il-konvenuta kienet xtrat vettura mingħandu, peress illi huwa kellu negozju tal-bejgħ ta' vetturi b'*showroom* fi Triq il-Wied ta' Birkirkara[62].

34. Fenech ikkonferma li Zahra tassew kien trasferilu vettura tal-marka Ferrari, iżda jgħid li dan kien b'xiri għall-prezz ta' Lm80,000 li huwa ħallsu kollu[63]. Huwa spjega li Zahra kien se jbiegħ din il-vettura lil ħaddieħor, u li huwa riedha peress li kien dilettant tal-karozzi, u għalhekk xtraha hu biex jevita li l-karozza tmur għand xi ħaddieħor. Qal li Zahra ma kienx lest jgħaddihilu mingħajr ma jitħallas[64]. Aktar 'il quddiem fil-kors tal-kawża, Fenech xehed li l-prezz ta' din il-vettura tħallas «*Minn flus pendenti li kien hemm bejnietna parti u parti bi flus cash*»[65].

35. L-attriċi ssostni li l-kreditu tagħha ġie biss kontestat meta hija ma riditx tistenna aktar għall-ħlas u għalhekk interpellat lill-konvenuta u lil Zahra bil-fomm kif ukoll b'ittri legali u ġudizzjarji. L-attriċi tgħid li hija ressqet ukoll ittra uffiċċjali oħra fl-14 t'Awwissu 2019 bin-numru 3095/2019 sabiex tirrendi l-kambjala ffirmata mill-konvenuta eżegwibbli, iżda l-konvenuta bdiet tallega li l-firma fuq din il-kambjala ma kinitx tagħha. B'dikriet mogħti fil-5 ta' Diċembru 2019, din il-Qorti kif diversament presjeduta ssospendiet l-eżekuzzjoni tal-kambjala kontra l-konvenuta[66].

36. L-attriċi tgħid li «*bħala stat ta' fatt, Angelo Zahra għadu ma ħallasx ċenteżmu mill-flus dovuti lis-soċjetà attriċi…*»[67]. Waqt il-kontro-eżami tiegħu, Victor Fenech qal li kienu saru ħlasijiet akkont minn Zahra[68], li però dejjem ġew imputati lill-imgħax akkumulat[69], iżda dan kien biss meta kien għadu għaddej in-negozju ta' bejniethom. Fenech sostna li minn meta sar il-konvenju għand in-Nutar qatt ma tħallas xejn minn Zahra[70].

---

[62] Ara x-xiehda bl-affidavit ta' Victor Fenech, a fol.34-35.
[63] Ara x-xiehda bl-affidavit ta' Victor Fenech, a fol.35.
[64] Ara x-xiehda in kontro-eżami ta' Victor Fenech, a fol.142.
[65] Fol.202.
[66] Fol.311.
[67] Ara x-xiehda bl-affidavit ta' Victor Fenech, a fol.37.
[68] Ara x-xiehda in kontro-eżami ta' Victor Fenech, a fol.139.
[69] Fol.140.
[70] Ara x-xiehda in kontro-eżami ta' Victor Fenech, a fol.140.

37. Ġiet eżebita dikjarazzjoni miktuba minn Angelo Zahra, li fiha huwa niżżel ħlasijiet li skontu għamel lil Fenech kontra d-dejn li kellu miegħu, u li saru bi flus u bi trasferiment ta' proprjetà u ta' karozzi[71]. Jirriżulta li kienu jsiru skritturi dwar it-trasferiment taż-żewġ vetturi msemmija minn Zahra li fihom it-trasferiment kien jitniżżel li sar b'titolu ta' bejgħ. It-trasferiment tal-vettura Ford sar fit-22 ta' Lulju 1994[72], filwaqt li t-trasferiment tal-vettura Ferrari sar fl-24 ta' Frar 2001[73]. Ġew eżebiti wkoll kopji t'assenji[74] favur Victor Fenech fl-ammonti li ġejjin:

i. Lm12,300 b'*cheque* datat 25 ta' Mejju 1990;
ii. Lm5,000 b'*cheque* datat 25 ta' Settembru 1992;
iii. Lm5,200 b'*cheque* datat 13 ta' Settembru 1992;
iv. Lm6,500 b'*cheque* datat 4 t'Ottubru 1992;
v. Lm400 b'*cheque* datat 22 ta' Ġunju 1990.

38. Waqt il-kors tal-kawża, ġie nominat espert kaligrafu li ppreżenta r-relazzjoni tiegħu fil-15 ta' Frar 2022[75]. Biha, wara li espona l-eżerċizzju sħiħ imwettaq minnu, l-imsemmi espert ressaq dawn il-konklużjonijiet:

> Illi wara saru l-eżamijiet kaligrafiċi rikjesti bejn kitba u firem li jinsabu miktubin fuq skrittura u kambjala datati 12 ta' Lulju 2017, mal-kampjuni tal-kaligrafija u tal-firma ta' Denise Frendo…, Victor Fenech… u Keith Fenech…, l-esponent jikkonkludi dan li ġej:
>
> 1. Illi ġew identifikati punti karatteristiċi pożittivament kompatibli bejn il-firma li taqra ***Denise F*** li tinsab miktuba fuq l-iskrittura datata 12 ta' Lulju 2017, ***għajr għall-ittra aħħarija F formanti parti mill-istess firma*** hekk kif ikkomparati mal-kampjuni tal-firma ta' Denise Frendo… kif rilaxxati minnha fuq il-kampjuni tal-kaligrafija u l-firma tagħha.
>
> 2. Illi ġew identifikati punti karatteristiċi pożittivament kompatibli bejn il-firma li taqra ***Denise F*** li tinsab miktuba fuq il-kambjala datata 12 ta' Lulju 2017, ***għajr għall-ittra aħħarija F formanti parti mill-istess firma*** hekk kif

[71] Fol.218.
[72] Fol.219-220.
[73] Fol.221.
[74] Fol.222-223.
[75] Fol.79.

ikkomparati mal-kampjuni tal-firma ta' Denise Frendo… kif rilaxxati minnha fuq il-kampjuni tal-kaligrafija u l-firma tagħha.

3. Illi ġew identifikati punti karatteristiċi pożittivament kompatibli bejn il-firma li tinsab stampata fuq il-karta tal-identità numru … ta' Denise Frendo valida mit-28 ta' Jannar 2003 sal-31 ta' Marzu 2008 ***għajr għall-ittra aħħarija F formanti parti mill-istess firma*** hekk kif ikkomparati mal-firma tal-istess Denise Frendo… li tinsab stampata fuq il-karta tal-identità valida mis-27 ta' Mejju 2015 sas-27 ta' Mejju 2025.

4. Illi ġew identifikati punti karatteristiċi kompatibli fil-kors tal-kostruzzjoni tal-kitba tal-ittra kapitali "***F***" li tinsab miktuba fuq il-kambjala datata 12 ta' Lulju 2017, hekk kif ikkomparati mal-punti karatteristiċi li ġew identifikati fil-kors tal-kostruzzjoni tal-kitba tal-kopja tal-istess ittra "***F***" kapitali li tidher stampata fuq il-kopja tal-karta tal-identità numru … ta' Denise Frendo valida mit-28 ta' Jannar 2003 sal-31 ta' Mejju 2008.

**Illi dan l-eżami komparattiv sar fuq kopja ta' firma li tidher stampata fuq kopja ta' karta tal-identità u mhux fuq dokument oriġinali.**

5. Illi l-punti karatteristiċi li ġew identifikati fil-kors tal-kitba tad-data 12 ta' Lulju 2017 kif miktuba fuq l-iskrittura taħt eżami ġew ikkomparati pożittivament u għalhekk huma identiċi mal-kaligrafija ta' Keith Fenech…

6. Illi l-kitba li tidher miktuba fuq l-iskrittura taħt eżami għajr għad-data 12 ta' Lulju 2017 li tinsab miktuba fl-ewwel (1) linja u l-firma ***Denise F*** li tinsab miktuba fuq l-istess dokument ġew ikkomparati pożittivament mal-kaligrafija ta' Victor Fenech…

7. Illi l-kitba li tidher miktuba fuq il-kambjala datata 12 ta' Lulju 2017, għajr għall-firma ***Denise F*** u ***Angelo Z*** li jinsabu miktubin fuq l-istess dokument ġew ikkomparati pożittivament mal-kaligrafija ta' Keith Fenech…

39. Meta ġie eskuss mill-konvenuta, l-espert kaligrafu xehed illi ma jista' qatt jeskludi li kwalsiasi firma tista' tkun falsifikata. Huwa spjega kif l-eżerċizzju komparattiv magħmul minnu jista' jasal biex jagħti indikazzjoni ta' probabbilità li firma partikolari tkun ta' persuna partikolari, liema probabbilità fil-każ odjern kienet probabbilità medja, u mhux probabbilità għolja jew baxxa[76]. Fuq domanda tal-Qorti dwar l-effetti li firma simulata jkollha fuq l-għafsa tal-karta,

[76] Fol.431.

huwa wieġeb: «*L-għafsa tal-karta, l-ewwelnett jekk meta wieħed ikun qed jikkopja firma, ġeneralment ikun hemm slow writing, ngħidulu. Ikun hemm tregħid, jew fejn jieqaf tibblottja iktar l-inka għax one li tieqaf biex iddur per eżempju, dik il-waqfa għax inti qed taħseb kif se ddur*»[77].

Ikkunsidrat:

40. Illi esposti r-riżultanzi probatorji l-aktar saljenti, imiss issa li l-Qorti tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha dwar il-kwistjonijiet li jikkostitwixxu l-qofol ta' din il-kawża. U waħda mill-iprem kwistjonijiet li jridu jiġu deċiżi f'din il-kawża hija dik li tirrigwarda l-firem tal-konvenuta fuq il-kambjala u fuq l-iskrittura tal-garanzija.

41. Dwar dokumenti li jkun fihom firem, il-liġi tipprovdi dispożizzjonijiet dettaljati dwar il-mod kif dawn jiġu verifikati. Skont l-artikolu 634(1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, «*Il-persuna li kontra tagħha tinġieb karta li milli jidher tkun iffirmata minnha nfisha, hija obbligata li tiddikjara b'mod pożittiv jekk il-kitba jew il-firma hix tagħha jew le, u, fin-nuqqas ta' din id-dikjarazzjoni, din il-kitba jew firma tkun magħduda, sakemm ma jiġix ippruvat il-kuntrarju, li hija l-kitba jew firma tagħha*». Dan ifisser li jekk il-persuna indikata bħala awtur ta' firma ma tiddikjarax b'mod ċar li dik il-firma mhux tagħha, il-Qorti għandha tqis li dik il-firma tassew hija tagħha. Din il-preżunzjoni però hija *iuris tantum*, għaliex l-istess dispożizzjoni tagħmilha ċara li jekk jitressqu provi kuntrarji, il-preżunzjoni titqies megħluba.

42. Issa fil-każ odjern, il-konvenuta qalet bl-aktar mod ċar illi l-firem in kwistjoni mhux tagħha. Fid-deċiżjoni ***Capt. Dowe Bell, R.A. nomine vs. Hare nomine*** (Kummerċ, 6 ta' Mejju 1899)[78] ġie spjegat hekk dwar id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 634(1):

> ... che da siffatta disposizione si può dedurre che se la parte alla quale il documento viene opposto ne impugna l'autenticità, la prova incombe alla parte che produce il documento: ma l'articolo 644, come gli altri articoli del

[77] Fol.432.
[78] Kollezz. Vol.XVII.iii.25).

> codice suddetto, che parlano del falso, regolano soltanto la procedura del falso incidente, del falso, cioè, che non forma lo oggetto principale del giudizio, ma cade su un mezzo di prova; mentre nella specie, come dianzi si è rilevanto, l'oggetto principale del giudizio sono i documenti stessi;
>
> Attesocchè, peranto, nel nostro sistema, il falso principale, al quale, come fu già notato dal atri, non si può applicare in tutta la sua estensione la procedura del falso incidente, rimane soggetto alle norme generali

43. Il-falz inċidentali għalhekk iseħħ meta tiġi allegata l-falsità dwar skrittura li tkun mezz ta' prova dwar azzjoni oħra. Il-falz prinċipali, min-naħa l-oħra, huwa fejn l-azzjoni prinċipali tkun proprjament diretta għall-ksib ta' dikjarazzjoni li dokument partikolari jkun falz. Kif jispjega ***Mortara***: «*…istituto del falso incidente civile, cioè di quella procedura incidentale che si effettua dinanzi al magistrato civile, per accertare o smentire la falsità di un pubblico documento che è stato prodotto in una controversia perchè vi serve di prova e che dalla parte contraria è impugnato come falso… … Al pari della verificazione d'una scrittura privata, la dimostrazione della falsità d'un documento può interessare un cittadino, prima ed independentemente da qualunque controversia in cui avvenga di farne uso. E però con felice pensiero, invece di riservare alla sola giurisdizione penale la querela principale di falso, ossia la trattazione in giudizio autonomo della relativa controversia, il nostro legislatore ha scritto nell'art. 296 che la querela di falso si può proporre in giudizio civile, sia come oggetto principale della causa, sia incidentalmente nel corso di essa*»[79]. Fil-falz inċidentali, il-prova tal-awtentiċità tad-dokument allegat falz tinkombi fuq min jinvoka dak id-dokument bħala mezz ta' prova favur tiegħu. Fil-falz prinċipali, il-prova tal-falsità tad-dokument tinkombi fuq min jallega dik il-falsità.

44. Fil-każ odjern, l-eċċezzjoni tal-falsifikazzjoni kienet oriġinarjament tikkostitwixxi falz inċidentali, għaliex kienet diretta fil-konfront tal-mezz tal-prova offrut mill-attriċi sabiex issostni t-talbiet tagħha ta' kanonizzazzjoni kontra l-konvenuta. Iżda mbagħad il-konvenuta iddeduċiet, permezz ta' rikonvenzjoni, l-azzjoni tal-

[79] Manuale della Procedura Civile (UTET, 1897), §395.

falz prinċipali, bil-konsegwenza li assumiet fuqha l-oneru tal-prova ta' dik il-falsità.

45. Meta firma fuq skrittura tkun impunjata, jgħodd l-artikolu 635 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili:

> 635. Meta hu meħtieġ li tiġi vverifikata l-kitba ta' min ikun kiteb jew iffirma dokument, dik il-prova tista' ssir –
> (a) billi l-kitba tiġi magħrufa minn min ikun kiteb jew iffirma d-dokument;
> (b) b'xhieda li raw lill-persuna tikteb jew tiffirma d-dokument;
> (ċ) b'xhieda illi, għalkemm ma rawx lill-persuna tikteb jew tiffirma d-dokument, ikunu jagħrfu l-kitba tagħha;
> (d) bit-taqbil ta' kitba ma' oħra, jew b'ċirkostanzi oħra jew konġetturi;
> (e) b'periti tal-kitba, meta tkun kitba diffiċli biex tiġi ivverifikata.

46. Fir-rigward huwa applikabbli t-tagħlim tal-kittieb ***Mattirolo***, li qal hekk[80]:

> Parimenti, non è a credersi che, con la sopra citata disposizione, il legislatore abbia inteso di attribuire un valore *diverso* all'una e all'altra prova; di guisa che quando le risultanze dell'esame dei testimoni siano contrarie alla relazione dei periti, il giudice debba riferire piuttosto all'avviso dei periti, che alle deposizioni dei testimoni. Oltrechè invero sarebbe illogico che una prova meramente *conghietturale*, desunta da una semplice rassomiglianza di caratteri, avesse, per legge, un valore superiore ad un'altra prova, che può essere *diretta*, e che, in ogni caso, può riescire più convincente; vuolsi, sempre quando il legislatore non abbia espressamente stabilito il contrario, applicare il principio *di diritto comune* in materia probatoria, secondo cui dipende dal libero apprezzamento del giudice l'estimazione delle singole prove, ed il giudice deve pronunziare in conformità della sua convinzione, ossia della *morale certezza*.[81]

47. Fl-istess sens kitbu ***Mancini, Pisanelli*** u ***Scialoja***: «*Piuttosto è disputa elegante, quale dei tre mezzi proposti abbia prevalenza nella questione sperimentale, e come ciò avvenga. Non è lontano il vederne la soluzione nel*

---

[80] Trattato di Diritto Giudiziario Civile Italiano (Torino, 1903), Vol.III, §306.
[81] Konformement ara ***Lawrence Cachia Zammit et vs. Carmelo Chetcuti A.&C.E.*** (Prim'Awla, 8 ta' Novembru 1957 – Kollezz. Vol.XLI.ii.1148), kif ukoll ***Rosario Briffa vs. Geraldo Debono*** (Prim'Awla, 21 t'April 1961 – Kollezz. Vol.XLV.ii.619).

*criterio e nella prudenza del giudice»*[82]. Hekk ukoll fid-deċiżjoni ***Sunny Tabone vs. Carmel Tonna et*** (Appell Superjuri, 5 t'Ottubru 2001) ġie miżmum li: «*Il-liġi tgħid b'mod ċar li l-verifika ta' kitba jew firma fuq dokument setgħet issir b'diversi modi li jnisslu fil-ġudikant il-konvinzjoni meħtieġa biex twasslu għaċ-ċertezza ta' l-awtentiċita' tagħhom sal-grad mixtieq*».

48. Eżaminati rettament il-provi prodotti, il-Qorti jkollha tistqarr li hemm bosta ċirkostanzi li jinduċuha biex tiddubita dwar l-awtentiċità tal-firem tal-konvenuta fuq il-kambjala u l-iskrittura in kwistjoni.

49. Huwa minnu li l-attriċi ressqet ix-xiehda tad-direttur tagħha u ta' ibnu li qal li kien xhud tal-firma tal-konvenuta. Hemm ukoll il-perizja kalligrafika li kkonkludiet li bejn il-firem tal-konvenuta u l-firem kontestati hemm elementi ta' similarità li joħolqu probabbilità li dawn huma tassew tal-konvenuta. L-espert kalligrafu però kien ċar ħafna meta xehed li ma setax jeskludi li l-firem kontestati ġew fabbrikati, u ġie wkoll deċiż li fejn jidħlu firem, eżami komparattiv waħdu mhux biżżejjed sabiex wieħed jasal għall-konklużjoni dwar jekk il-firma hijiex ikkuppjata (ara f'dan is-sens ***Paul Attard et vs. Francis Xavier Gatt et***, Appell Superjuri, 6 t'Ottubru 2020).

50. Jibqa' l-fatt però li l-provi fl-atti inisslu dubju fondat fil-Qorti dwar l-awtentiċità tal-istess firem, liema dubju jikkonkretizza ruħu f'konvinċiment fuq il-grad tal-probabbli li huwa dak applikabbli fil-kawża odjerna. Huwa risaput li provi li huma indizjarji u ċirkostanzjali huma wkoll suffiċċjenti sabiex jirradikaw il-konvinċiment tal-ġudikant. Dan saħansitra f'kawżi kriminali, fejn il-grad tal-prova huwa ogħla (ara, per eżempju, ***Il-Pulizija vs. Cyrus Engerer***, Appelli Kriminali, 8 ta' Mejju 2014; ***Il-Pulizija vs. Carmelo Busuttil et***, Appelli Kriminali, 6 ta' Mejju 1961[83]). Insibu spjegat awtorevolment fir-rigward li:

> Circumstantial evidence 'works by cumulatively, in geometrical progression, eliminating other possibilities' (DPP v Kilbourne [1973] AC 729 per Lord Simon at p. 758).

[82] Commentario del Codice di Procedura Civile per gli Stati Sardi (Torino, 1861), Vol.**III**, §CCCXC**II**.
[83] Kollezz. Vol.XLV.iv.950.

> Pollock CB, likening circumstantial evidence to a rope comprised of several cords, said:
>
> One strand of the cord might be insufficient to sustain the weight, but three stranded together may be quite of sufficient strength.
>
> Thus it may be in circumstantial evidence – there may be a combination of circumstances, no one of which would raise a reasonable conviction, or more than a mere suspicion; but the whole, taken together, may create a strong conclusion of guilt, that is, with as much certainty as human affairs can require or admit of. (Exall (1866) 4F&F922, at p.929.)
>
> However, although circumstantial evidence may sometimes be conclusive, it must always be narrowly examined, if only because it may be fabricated to cast suspicion on another. For this reason, it has been said that: 'It is also necessary before drawing the inference of the accused's guilt from circumstantial evidence to be sure that there are no other co-existing circumstances which would weaken or destroy the inference' (Teper v The Queen [1952] AC480, per Lord Normand at p.489).[84]

51. Insenjament dan li jgħodd anki għal proċeduri ċivili, billi r-regoli tal-prova fi proċeduri kriminali u ċivili huma in parti l-istess, u l-ikbar diverġenza tinsab biss fil-grad tal-prova mistennija.

52. L-ewwel ċirkostanza u dik li tnissel l-ewwel dubju tirrigwarda l-fatt li mal-iskrittura in kwistjoni jidher li ġew mehmuża kopji tal-karti tal-identità tal-konvenuta u ta' Zahra li kienu diġà skaduti fil-mument meta suppost saru dawn il-firem. Fil-każ tal-konvenuta, irriżulta mill-provi li fit-12 ta' Lulju 2017, hija kellha karta tal-identità differenti, u dan il-fatt joħloq preżunzjoni qawwija li l-karta tal-identità l-antika ma kinitx għadha fil-pussess tal-konvenuta dakinhar li suppost iffirmat l-istrumenti mpunjati.

53. Ebda spjegazzjoni dwar din iċ-ċirkostanza ma ġiet avvanzata mill-attriċi għajr dik illi dakinhar tal-iffirmar intużat kopja tal-karta tal-identità antika li l-attriċi kien għad kellha fil-kotba tagħha. Spjegazzjoni possibbli, li però ma tispjegax għaliex dakinhar stess ma ttieħdux kopji tal-karta tal-identità li l-konvenuta kellha fil-

---

[84] ***Blackstone's Criminal Practice*** (2011), §F.1.16.

pussess tagħha f'dak iż-żmien. Ħadd ma xehed li dan ma setax isir għaliex inzerta li l-konvenuta ma kellhiex din il-karta tal-identità fuqha. Anzi, il-Qorti fehmet li fit-12 ta' Lulju 2017 il-konvenuta u Zahra marru appożitament fil-post tan-negozju tal-attriċi biex jiffirmaw l-iskritturi u l-kambjali in kwistjoni, u għalhekk preżumibbilment kellu jkollhom f'idejhom dak kollu neċessarju biex dan l-iffirmar isir, inkluż il-karti tal-identità tagħhom.

54. Weħidha din iċ-ċirkostanza żgur mhux biżżejjed biex teskludi l-verifika tal-firma. Però hemm ċirkostanzi oħrajn li jintrabtu sewwa ma' din iċ-ċirkostanza li jkomplu jqawwu d-dubju li tebbgħa l-konvinċiment ta' din il-Qorti. It-tieni ċirkostanza toħroġ proprju mix-xogħol imwettaq mill-espert kalligrafu, fejn huwa rrelata u kkonferma wkoll waqt l-eskussjoni li saritlu li tassew kien hemm punti ta' similarità qawwija bejn il-firem kontestati u l-kampjuni mogħtija mill-konvenuta. Dan però ad eċċezzjoni tal-ittra ***F*** formanti parti mill-istess firem kontestati, li ma kienux jaqblu mal-istess ittra użata fil-kampjuni mogħtija mill-konvenuta. Lanqas ma kienet taqbel l-ittra ***F*** tal-firem kontestati mal-istess ittra fil-karta tal-identità <u>l-ġdida</u> tal-konvenuta, u li kienet diġà teżisti meta suppost saru l-firem kontestati. Effettivament l-ittra ***F*** fil-firem kontestati taqbel <u>biss</u> mal-ittra ***F*** li hemm fil-karta tal-identità <u>l-antika</u> tal-konvenuta, u ċjoè dik li kopja tagħha kienet mehmuża mal-iskrittura tal-garanzija.

55. Din hija ċirkostanza stramba li però ssaħħaħ it-teżi tal-konvenuta li l-firma tagħha ġiet falsifikata billi ġiet simulata abbażi tal-firma tal-karta tal-identità l-antika tagħha. Jidher li l-mod kif il-konvenuta bdiet tikteb l-ittra ***F*** fil-firma tagħha varja maż-żmien. Fiż-żmien meta suppost saru l-firem kontestati, il-mod kif hija kienet tikteb l-ittra ***F*** kien diġà inbidel, u għalhekk jirriżulta mir-relazzjoni tal-espert kalligrafu li fit-12 ta' Lulju 2017 din l-ittra fil-firma tal-konvenuta inkitbet bl-istess mod kif kienet tinkiteb fl-antik, u ċjoè f'Jannar tas-sena 2003 meta nħarġet il-karta tal-identità l-antika. Għall-Qorti, din iċ-ċirkostanza tindika l-possibilità qawwija li l-firma tal-konvenuta fuq l-iskrittura u l-kambjala tat-12 ta' Lulju 2017 ġew tassew fabbrikati b'mod li jixxiebah mal-uniku firma li l-attriċi kellha f'idejha li kienet tal-konvenuta.

56. Fuq kollox lanqas ma huwa kontestat li l-attriċi kellha kopja tal-karta tal-identità l-antika tal-konvenuta f'idejha, tant li din il-kopja ġiet mehmuża mal-iskrittura kontestata.

57. L-uniku spjegazzjoni alternattiva hija li l-konvenuta, fil-mument li ffirmat l-iskrittura u l-kambjala fit-12 ta' Lulju 2017, irrivertiet lura għall-istil antik tal-mod kif tikteb l-ittra ***F*** meta tiffirma. Dan però huwa implawsibbli, u jissuġġerixxi li dan seta' sar biss mill-konvenuta konxjament, bil-ħsieb li wara tiċħad il-firma tagħha. Ħsieb li però l-Qorti ma jidhrilix li l-konvenuta seta' kellha meta ffirmat, la darba hija ffirmat minn jeddha u mingħajr obbligazzjoni jew pressjoni. Anzi l-fatt li hija suppost iffirmat minn jeddha u bla pressjoni jinduċi lill-Qorti tifhem li l-konvenuta iffirmat għax riedet, u għalhekk huwa improbabbli li hija ffirmat bil-ħsieb li mbagħad wara tiċħad l-istess firma. Li kieku kellha dak il-ħsieb, il-konvenuta setgħet minflok ma tiffirma xejn, minflok tidħol f'artifizji kumplikati li jistgħu anki ma jirnexxux.

58. Għalhekk il-fatt li l-ittra ***F*** fil-firem kontestati taqbel mal-ittra ***F*** murija fil-karta tal-identità l-antika tal-konvenuta iżda ma taqbilx mal-ittra ***F*** fil-kampjuni mogħtija minnha u fil-karta tal-identità l-ġdida tagħha li kienet maħruġa <u>sentejn</u> qabel il-firem kontestati wkoll hija ċirkostanza li kompliet ixxejjen il-konvinċiment tal-Qorti fl-awtentiċità tal-firem.

59. Hemm ċirkostanzi oħrajn li, weħidhom, m'humiex biżżejjed biex jikkonvinċu lill-Qorti li l-firem kontestati huma foloz, iżda li jekk jittieħdu lkoll flimkien jiffortifikaw dak il-konvinċiment sal-grad meħtieġ mil-liġi.

60. L-iskrittura tal-garanzija inkitbet bl-idejn minn Victor Fenech. Fatt li waħdu ma jfisser xejn, iżda meta kkunsidrat fil-kuntest tad-diversi skritturi oħra li saru dwar id-dejn in kwistjoni iqajjem iktar domandi. Dan għaliex kull skrittura li saret bejn l-attriċi u Angelo Zahra kienet dejjem dattilografata. **Dan jinkludi ż-żewġ skritturi li ġew iffirmati minn Angelo Zahra wkoll fit-12 ta' Lulju 2017, u ċjoè fl-istess jum meta l-konvenuta suppost iffirmat l-iskrittura tal-garanzija u l-kambjala.** Ħadd ma spjega għaliex l-iskritturi li kellu jiffirma Zahra kienu dattilografati u dik iffirmata mill-konvenuta ma kinitx. Ħadd ma spjega

għaliex l-iskrittura li ffirmat il-konvenuta ma kinitx ukoll simili għal dawk li solitament iffirma Zahra fil-kontenut tagħhom. Il-provi juru li bejn Zahra u l-attriċi kienu dejjem jiġu ffirmati l-istess skritturi li kienu identiċi, salv għad-dati – dak li Victor Fenech irrefera għalih bħala «tiġdid» tad-dejn. Kienet tkun l-aktar oġġett sempliċi biex isir l-istess ħaġa dwar l-assunzjoni ta' dejn mill-konvenuta.

61. Minflok, l-iskrittura tal-konvenuta saret bl-idejn. Din inkitbet kollha minn Victor Fenech, **ħlief għad-data li nkitbet b'idejn ħaddieħor li qatt ma ġie identifikat**, kif irrileva il-perit kalligrafu. Ukoll qatt ma ġie spjegat għaliex id-data inkitbet minn ħaddieħor. Ir-raġuni tgħidlek li d-data inkitbet f'mument differenti mill-bqija tal-iskrittura, iżda qatt ma ġie spjegat għaliex dan kien il-każ.

62. Il-firma tal-konvenuta fuq din l-iskrittura saret fil-qiegħ tal-paġna, diversi rigi aktar 'l isfel mid-dikjarazzjoni tal-garanzija. Il-pożizzjoni tal-firma tissuġġerixxi li din saret fuq il-paġna meta d-dikjarazzjoni kienet għadha ma nkitbitx. Firma li saret taħt il-kliem:

> I accept & sign
> Denise ~~Farrugia~~
> Frendo

63. Dan il-kliem ukoll inkiteb minn Victor Fenech. Fatt li jwassal għal żewġ konklużjonijiet. Fl-ewwel lok, li kien Victor Fenech li ddeċieda fejn kellha ssir il-firma tal-konvenuta, għaliex kienu hu li kiteb dan il-kliem – indikattiv ta' fejn kellha ssir il-firma – fil-qiegħ tal-paġna. Fit-tieni lok, li fuq din l-iskrittura, il-konvenuta lanqas ma tħalliet tikteb isimha, u kellha tiffirma biss. Huwa normali li wieħed jistenna li min jiffirma jikteb ismu u kunjomu ħdejn il-firma tiegħu. Iżda fil-każ li qed teżamina l-Qorti, l-isem tal-konvenuta nkiteb minn ħaddieħor, li anki ħa żball meta ġie biex jikteb kunjomha. Ir-riżultat ta' dan huwa li l-uniku analiżi li tista' ssir dwar dan id-dokument tirrigwarda l-firma tal-konvenuta, u mhux il-kitba tagħha wkoll.

64. Il-Qorti hija wkoll imħassba mill-fatt li Keith Fenech, iben Victor Fenech, ma ffirmax fuq din l-iskrittura li huwa kien xhud tal-firma. Dan kuntrarjament għal dak li sar fir-rigward tal-iskritturi iffirmati minn Angelo Zahra, u li suppost saru

kollha kontestwalment. Loġikament la Keith Fenech ippreżenta ruħu għall-iffirmar tal-iskritturi proprju biex ikun xhud tal-firem – kif xehed hu stess – ir-raġuni tgħidlek li kif iffirma żewġ skritturi kien jiffirma wkoll it-tielet waħda. La Keith Fenech u lanqas Victor Fenech ma setgħu jagħtu spjegazzjoni għaliex sar mod'ieħor.

65. Fatt però li ħoloq dubju fil-Qorti kontra t-teżi tal-konvenuta u favur l-attriċi huwa l-fatt li fuq il-kambjala ffirmata mill-konvenuta (fol.75), hemm ukoll il-firma ta' Angelo Zahra liema firma huwa ma kkontestax l-awtentiċità tagħha. Il-fatt li l-firma ta' Zahra mhux kontestata donnu jagħti 'l wieħed x'jifhem illi allura l-firma tal-konvenuta ħdejn tiegħu ukoll hija ġenwina, billi saru kontestwalment.

66. Il-Qorti iżda tinnota li dakinhar tat-12 ta' Lulju 2017, Zahra iffirma skritturi li bihom għaraf li kellu jagħti lill-attriċi s-somom ta' (i) €39,400 bħala kapital; (ii) €39,400 bħala imgħax; (iii) €139,200 bħala kapital; u (iv) €139,200 bħala imgħax. B'kollox għalhekk €357,200. Dakinhar Zahra iffirma wkoll żewġ kambjali, u ċjoè waħda għal €39,400 u oħra għal €139,200 (fol.8). Għalhekk nofs l-ammont li huwa għaraf bħala dejn dovut minnu dakinhar. It-tielet kambjala, li hija ffirmata mill-konvenuta wkoll, hija għall-ammont ta' €178,640, u ċjoè d-differenza bejn l-ammont kopert mill-kambjali iffirmati minn Zahra waħdu, u l-ammont rikonoxxut minn Zahra bħala dovut dakinhar tat-12 ta' Lulju 2017 – hemm avarija minima ta' erbgħin Ewro favur l-attriċi. Fil-fehma tal-Qorti, dakinhar tat-12 ta' Lulju 2017 Zahra iffirma (i) żewġ skritturi privati li bihom għaraf dejn kumplessiv fl-ammont ta' €357,200; (ii) tliet kambjali li b'kollox kienu jkopru l-ammont ta' €357,240.

67. Hija biss il-firma tal-konvenuta fuq <u>waħda</u> minn dawn it-tliet kambjali li ma tagħmilx sens. Għaliex il-konvenuta – li suppost daħlet bħala garanti tad-dejn kollu ta' Zahra – iffirmat kambjala waħda minn tlieta? Għaliex ma ffirmathomx kollha? Huwa risaput li l-kambjali jintużaw fil-kummerċ u fl-obbligazzjonijiet sabiex jagħtu lill-kreditur mod ta' eżekuzzjoni faċili, billi l-kambjala hija titolu eżekuttiv skont l-artikolu 253 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili. Għalhekk – jekk tassew huwa minnu li l-konvenuta kienet qed tagħmel tajjeb għad-dejn kollu ta' Angelo Zahra – kienet tiffirma l-kambjali kollha sabiex

isserraħ ras l-attriċi li l-eżekuzzjoni tat-titoli tagħha setgħet issir kontra l-garanti bl-istess mod kif setgħet issir kontra d-debitur prinċipali.

68. Alternattivament, jekk l-iskop kien li d-dejn kopert bil-kambjali jinqasam bejn Zahra u l-konvenuta (u l-ebda spjegazzjoni f'dan is-sens ma ġiet offruta u lanqas ma tista' titqies plawsibbli), mela allura għaliex Zahra iffirma wkoll il-kambjala li ffirmat il-konvenuta? La din il-kambjala kienet magħmula fil-konfront tal-konvenuta biss, il-firma ta' Zahra ma kinitx meħtieġa fuqha.

69. Fil-fehma tal-Qorti, li ġara huwa dan. L-attriċi kienet ilha tippretendi l-ħlas mingħand Zahra. Minħabba diversi problemi li dan kellu, kemm ta' saħħa u kemm legali, il-prospetti li hija tiġbor id-dejn pretiż minnha bdew isiru aktar remoti, partikolarment minħabba l-kredituri l-oħrajn ta' Zahra. L-attriċi saret taf li l-proprjetà residenzjali ta' Zahra inkisbet fuq isem il-konvenuta, u għalhekk fehmet li l-aħjar opportunità biex hija titħallas kienet billi ddur fuq il-konvenuta.

70. Fit-12 ta' Lulju 2017, Angelo Zahra mar għand Victor Fenech biex jiffirma s-solitu «tiġdid tad-dejn», u dakinhar huwa ffirma wkoll tliet kambjali li kienu jkopru l-ammont kollu li huwa rrikonoxxa bħala dejn dovut minnu. Imbagħad żdiedet il-firma tal-konvenuta fuq waħda mill-kambjali, u saret l-iskrittura tal-garanzija.

71. Il-Qorti tqis irrilevanti jekk il-konvenuta marritx riċevimenti miżmuma mill-familja Fenech jew le. Il-kwistjoni hija dwar jekk hi ffirmatx il-garanzija u l-kambjala, u l-Qorti jidhrilha li l-provi prodotti jissuffragaw it-teżi tagħha li dawk il-firem tassew ġew fabbrikati. Il-konvenuta ma kellhiex raġuni biex tiffirma garanzija f'Lulju 2017 biex tagħmel tajjeb għal dejn li ma kienx tagħha. Imkien ma ġie spjegat għaliex hija kellha taċċetta li tagħmel din l-obbligazzjoni, kif lanqas ma ġie spjegat għaliex – la darba hija aċċettat li tagħmel din l-obbligazzjoni – din ma saritx b'mod aktar formali b'att pubbliku, fejn setgħu anki jingħataw jeddijiet ta' preferenza fuq il-proprjetà immobbli li l-konvenuta kellha f'isimha.

72. Dwar l-eċċezzjonijiet imressqin mill-attriċi fil-konfront tar-rikonvenzjoni tal-konvenuta, il-Qorti tosserva li, kif diġà ssemma aktar qabel, il-bażi tar-rikonvenzjoni hija l-azzjoni tal-kwerela tal-falz prinċipali li hija vestita f'kull

persuna li għandha interess li tikseb dikjarazzjoni ġudizzjarja li dokument partikolari huwa falz. Interess li ċertament il-konvenuta għandha fil-każ odjern.

73. Dwar it-talba tal-konvenuta fir-rikonvenzjoni sabiex jittieħdu passi kriminali dwar il-falz allegat minnha, il-Qorti tinnota li dik it-talba għandha fondament fil-liġi. Fil-fatt l-artikolu 805 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili jgħid hekk:

> Meta l-qorti, f'kull waqt li jkun tal-kawża, ikollha raġuni tajba biex tissuspetta li dokument huwa falz, għandha *ex officio* tordna l-arrest tal-persuna suspetta tal-falsifikazzjoni u tibgħatha quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, sabiex isir kontra tagħha l-proċediment skont il-liġi.

74. Kif jispjega tajjeb ***Mortara***: «…*la questione sul falso, in quanto è tema di una disputa in sede civile, si dirige veramente* contro l'atto, *non* contro il colpevole, *tende ad ottenere* l'invalidamento di quello*, non la* punizione di questo»[85]. Il-ħtija u l-piena tal-awtur tal-falz, u ta' kull min prova jinqeda b'dak il-falz, hija għalhekk materja li tidħol biss fil-kompetenza u fil-mansjoni tal-qrati ta' ġurisdizzjoni kriminali, u din hija r-raġuni wara l-artikolu 805, fuq ċitat.

75. Fil-każ tal-lum, mhux ċar min wettaq il-falsifikazzjoni in kwistjoni – għalkemm Victor Fenech kiteb l-iskrittura in kwistjoni huwa improbabbli li huwa għamel ukoll il-firma tal-konvenuta. Għalhekk mhux il-każ li jingħata ordni għal xi arrest, u l-Qorti se tkun qegħda biss tordna in-notifika ta' din is-sentenza lill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex jagħmel it-tfittxijiet neċessarji u jixli lil min seta' kien responsabbli minn xi delitt, u dan kemm-il darba din is-sentenza tgħaddi in ġudikat.

76. Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi:

(i) tilqa' it-tielet, il-ħames, is-sitt u t-tmien eċċezzjonijiet tal-konvenuta;

(ii) tiċħad it-talbiet tal-attriċi;

[85] Loc cit.

(iii) tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-attriċi għar-rikonvenzjoni tal-konvenuta;

(iv) tilqa' l-ewwel talba rikonvenzjonali u għalhekk tiddikjara li l-firem tal-konvenuta fuq il-kambjala u l-iskrittura tat-12 ta' Lulju 2017 huma foloz u fabbrikati;

(v) tilqa' t-tieni talba rikonvenzjonali kif dedotta;

(vi) tipprovdi dwar it-tielet talba billi tordna li kopja ta' din is-sentenza tiġi mibgħuta lill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex iwettaq l-investigazzjonijiet meħtieġa u sabiex jixli lil kull min seta' kien responsabbli minn xi delitt b'rabta mal-falsifikazzjoni dikjarata f'din is-sentenza quddiem il-qorti ta' ġurisdizzjoni kriminali kompetenti;

(vii) tordna lill-attriċi tħallas l-ispejjeż kollha tal-kawża.

Onor. Mark Simiana, LL.D
Imħallef

Deputat Reġistratur